

Brussell, 21 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7378/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0041(NLE)**

TRANS 157

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 6525/22 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul is-57 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Appendiċi C tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija – Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta ta' hawn fuq lill-Kunsill fis-16 ta' Marzu 2022. Din tikkonċerna l-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) fil-qafas tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF), li l-kompitu tagħha huwa li tistabbilixxi regoli komuni għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri u merkanzija bil-ferrovija bejn l-Istati Membri tagħha. L-Unjoni ssieħbet fil-COTIF fil-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011.

2. Il-proposta għandha l-għan li tappoġġa, fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-OTIF, l-approvazzjoni ta' ċerti emendi tekniċi għar-Regolament dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi bil-ferrovija (RID), li jiffurmaw l-Appendiċi C tal-COTIF. Tali emendi huma previsti kull sentejn biex jiġu aġġornati r-regoli fis-seħħ fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku; dawn huma r-riżultati ta' koordinazzjoni internazzjonali kumplessa li tinvolvi esperti minn fora internazzjonali oħra li jitrattaw it-trasport bit-triq u t-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni.
3. Is-57 laqgħa tal-Kumitat ta' Esperti ser issir f'Berne, fl-Iżvizzera, fil-25 ta' Mejju 2022. Ir-regoli li għandhom jiġu adottati ser jidhru fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Marzu 2022 u qabel dwar l-abbozz.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument ST 7309 + ADD 1¹, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti, u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni.
6. Ladarba d-Deċiżjoni tkun ġiet adottata, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat dwar dan.

¹ Dan id-dokument ser jiġi ċċirkolat mhux aktar tard minn waranofsinar tal-5 ta' April 2022.